

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Iccrea Banca SpA Istituto Centrale del Credito Cooperativo

Konvenut: Banca d'Italia

**Dispożittiv**

L-Artikolu 103(2) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u l-Artikolu 5(1)(a) u (f) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet bejn bank tat-tieni livell u l-membri ta' grupp kompost minnu u minn numru ta' banek kooperattivi li lillhom jipprovdi diversi servizzi mingħajr ma jikkontrolla lil dawn tal-aħħar, u li ma jkoprux self mogħti fuq bażi mhux kompetittiva u mhux għall-profit sabiex jiġu promossi l-oġettivi ta' politika pubblika ta' gvernijiet ċentrali jew reġjonali ta' Stat Membru, ma humiex esklużi mill-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lil fond nazzjonali ta' riżoluzzjoni msemmija f'dan l-Artikolu 103(2).

(<sup>1</sup>) ĠU C 311, 3.9.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Diċembru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal de première instance de Namur - il-Belġju) – Ordre des avocats du barreau de Dinant vs JN**

(Kawża C-421/18) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili – Regolament (UE) Nru 1215/2012 – Ġurisdiżjoni, rikonossiment u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali – Punt 1(a) tal-Artikolu 7 – Ġurisdiżjoni speċjali ta' materji kuntrattwali – Kunċett ta' "materji kuntrattwali" – Talba għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet annwali dovuti minn avukat lil kamra ta' avukati)*

(2020/C 36/10)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal de première instance de Namur

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ordre des avocats du barreau de Dinant

Konvenut: JN

**Dispożittiv**

L-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdiżjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li tilwima dwar l-obbligu ta' avukat li jħallas kontribuzzjonijiet professjonali annwali dovuti minnu lill-kamra tal-avukati li tagħha huwa membru taqqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-insemmi regolament biss sakemm, bit-talba tagħha lil dan l-avukat sabiex jeżegwixxi dan l-obbligu, din il-kamra ma taġixxix, skont id-dritt nazzjonali applikabbli, fl-eżerċizzju ta' prerogattiva ta' awtorità pubblika, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Il-punt l(a) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni li permezz tagħha kamra tal-avukati titlob il-kundanna ta' wieħed mill-membri tagħha għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet professjonali annwali dovuti minnu u li għandhom essenzjalment bħala għan li jiffinanzjaw servizzi, bħalma huma servizzi ta' assigurazzjoni, għandha titqies li tikkostitwixxi azzjoni fl-ambitu ta' "materji kuntrattwali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sa fejn dawn il-kontribuzzjonijiet jikkostitwixxu l-korrispettiv għal servizzi pprovduti minn din il-kamra lill-membri tagħha u sa fejn dawn is-servizzi jkunu liberament ikkonsentiti mill-membri kkonċernati, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 301, 27.8.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-4 ta' Diċembru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bundesgerichtshof - il-Ġermanja) – Consorzio Tutela Aceto Balsamico di Modena vs Balema GmbH**

(Kawża C-432/18) (<sup>1</sup>)

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' oriġini tal-prodotti agricoli u tal-prodotti tal-ikel – Regolamenti (KE) Nru 510/2006 u (UE) Nru 1151/2012 – Artikolu 13(1) – Regolament (KE) Nru 583/2009 – Artikolu 1 – Reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Aceto Balsamico di Modena (IĠP)" – Protezzjoni tal-komponenti mhux ġeografiċi ta' din id-denominazzjoni – Portata)**

(2020/C 36/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Consorzio Tutela Aceto Balsamico di Modena

Konvenuta: Balema GmbH

**Dispożittiv**

L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 583/2009 tat-3 ta' Lulju 2009 li jintroduċi denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Aceto Balsamico di Modena (IĠP)], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-protezzjoni tad-denominazzjoni "Aceto Balsamico di Modena" ma tkoprix l-użu tal-kelmiet individwali mhux ġeografiċi ta' din tal-aħħar.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 427, 26.11.2018.